# Tagħrif fuq il-Ħajja ta' San Ġorġ Preca Fundatur tas-Soċjetà tal-MUSEUM



Ritratt rari ta' Dun Ġorġ: waqt il-wasla ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi biex jibda viżita pastorali fil-Ħamrun fl-1948



Dun Ġorġ fl-aktar mument importanti tal-ġurnata tiegħu.

Dun Ġorġ Preca twieled il-Belt Valletta fit-12 ta' Frar 1880. Huwa kien is-seba' wild minn disa' aħwa. Il-familja wara marret toqgħod il-Ħamrun, u hemmhekk beda jgħin fil-quddiesa bħala abbati. Huwa studja ġewwa l-Liċeo, dik li kienet l-aqwa skola sekondarja ta' Malta u fis-seminarju Maġġuri. Meta kien għadu djaknu huwa kien diversi drabi marid għax saħħtu kienet fraġli. Darba waħda tant kien marid li t-tabib qata' qalbu li jista' jfiq. Biss b'mod mirakuluż bl-interċessjoni ta' San Ġużepp huwa fieq u ġie ordnat qassis fit-22 ta' Diċembru 1906.

Minn qabel kien ordnat qassis, Dun Ġorġ beda jħoss li l-poplu ta' Alla jrid min jgħallmu. Sas-sena 1906 huwa ġa kien beda jikteb regola bil-Latin biex jissottomettiha għall-approvazzjoni lill-Papa Pius X biex ikun jista' jwaqqaf għaqda ta' Djakni li jkunu jistgħu jgħinu lill-isqof biex ixerrdu t-tagħlim nisrani.

Is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija kienet imwaqqfa ġewwa l-Ħamrun fil-bidu tas-sena 1907, ġewwa dar żgħira. Fis-7 ta' Marzu tas-sena 1907 Dun Ġorġ kera d-dar numru 6 fi Triq Fra Diegu, il-Ħamrun fejn fiha beda jiġbor xi żgħażagħ irġiel u beda jgħallimhom id-duttrina. Din id-dar kienet nieqsa minn ħafna faċilitajiet imma mimlija bl-imħabba ta' bejn l-aħwa u bit-tagħlim nisrani. Il-M.U.S.E.U.M. kif bdiet tkun magħrufa din is-soċjetà kienu l-kliem li jfissru bil-latin "*Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus!*" li bil-Malti jfisser "Mgħallem, mhux li kien li d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju!"

Wieħed minn dawn iż-żgħażagħ kien ċertu Ewġenju Borġ, ħaddiem tat-tarzna, li lilu Dun Ġorġ beda jispjegalu u jgħallmu dwar il-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu skond l-Evanġelju ta' San Ġwan. Dan Ewġenju Borġ wara kellu jkun l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà li waqqaf Dun Ġorġ stess. Dun Ġorġ kiteb madwar 150 pubblikazzjoni bil-Malti li jinkludu kotba u *leaflets*. It-talb miktub tiegħu jurina li hu kien bniedem mistiku l-ħin kollu jfittex lil Alla fit-talb. Huwa kien ukoll konfessur imfittex ħafna għall-pariri tiegħu. Alla kien jużah ħafna biex ifejjaq. Il-kariżma tiegħu għadha ħajja sal-lum. Ħafna huma żżgħażagħ li għadhom sal-lum ifittxu biex jingħaqdu mas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija. Illum is-soċjetà tal-M.U.S.E.U.M għandha Ċentri kemm f'Malta kif ukoll fis-Sudan, il-Kenja, Ir-Renju Unit, l-Albanija u l-Awstralja.



Dun Ġorġ għandu rabta ma' l-Ordni Karmelitana. Fil-fatt huwa kien Terzjarju Karmelitan u huwa mniżżel fir-reġistru tat-Terzjarji li pprofessaw fil-Knisja ta' Santa Venera.

Fis-sena 1961 wara li għadda l-biċċa l-kbira ta' ħajtu ġewwa l-Ħamrun huwa mar joqgħod f'Santa Venera fejn għadda l-aħħar jiem. Huwa miet fis-26 ta' Lulju 1962 u ġie midfun fil-kripta tad-

Dar Ġenerali tas-Soċjetà fil-Blata l-Bajda.

Fis-sena 1975 ġiet mibdija l-Kawża għall-Beatifikazzjoni. Dun Ġorġ ġie dikjarat Venerabbli fit-28 ta' Ġunju 1999. Huwa ġie dikjarat Beatu mill-Qdusija tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Quddiesa tal-Beatifikazzjoni li saret fuq il-fosos tal-Furjana fid-9 ta' Mejju 2001 fejn fiha ġew iddikjarati l-ewwel tlett beati Maltin, Dun Ġorġ Preca, Nazju Falzon u s-soru Benedittina Maria Adeodata Pisani. Huwa ġie ddikjarat qaddis mill-Papa Benedittu XVI nhar il-Ħadd 3 ta' Ġunju 2007.



# Id-Dati li sawru l-Istorja tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M.

| | |
|---|---|
| 12 ta' Frar 1880 | Dun Ġorġ Preca, il-Fundatur, twieled fil-Belt Valletta. |
| 22 ta' Diċembru 1906 | Dun Ġorġ kien ordnat saċerdot. |
| 2 ta' Frar 1907 | Dun Ġorġ beda jlaqqa' liż-żgħażagħ fil-Knisja ta' Nuzzu, il-Ħamrun |
| 7 ta' Marzu 1907 | Inkriet l-ewwel dar tal-Museum fi Triq Fra Diegu, il-Ħamrun |
| 10 ta' Jannar 1910 | Infethet l-ewwel dar tad-Duttrina għall-bniet f'Raħal Ġdid bl-għajnuna ta' Ġannina Cutajar. |
| 6 ta' Jannar 1919 | Dun Ġorġ għażel l-ewwel Superjuri għall-Eżekuttiv tas-Soċjetà. |
| 24 ta' Diċembru 1921 | Saret l-ewwel purċissjoni bil-Bambin tal-Milied fil-Ħamrun. |
| 12 ta' April 1932 | Il-Knisja approvat ir-regolamenti tas-Soċjetà. |
| 4 ta' Novembru 1946 | L-iskola St. Michael laqgħet l-ewwel studenti f'Villa Violette, il-Marsa. |
| 9 ta' Novembru 1951 | Twaqqfet il-Fergħa tal-Kooperaturi. |
| 2 ta' Ottubru 1954 | Tqiegħdet l-ewwel ġebla tad-Dar Ġenerali fil-Blata l-Bajda. |
| 18 ta'April 1956 | Il-bidu tas-Soċjetà fl-Awstralja |
| 23 ta' Frar 1958 | Tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Kappella tal-Midalja Mirakoluża. |
| 23 ta' Settembru 1958 | Mietet Ġannina Cutajar, l-ewwel Superjura Ġenerali |
| 26 ta' Lulju 1962 | Miet il-Fundatur, Dun Ġorġ Preca |
| 12 ta' Marzu 1967 | Miet Ewġenju Borġ, l-ewwel Superjur Ġenerali. |
| 24 ta' Ġunju 1975 | Ħareġ id-digriet tal-ftuħ tal-kawża tal-Beatifikazzjoni tal-Fundatur mill-Kurja ta' l-Arċisqof ta' Malta. |
| 21 ta' Lulju 1983 | Bdiet il-ħidma tas-Soċjetà fis-Sudan. |
| 12 ta' Awissu 1988 | Bdiet il-ħidma tas-Soċjetà fl-Ingilterra. |
| 1 ta' Ottubru 1989 | Bdiet il-ħidma tas-Soċjetà fil-Kenja. |
| 6 ta' April 1993 | Bdiet il-ħidma tas-Soċjetà fl-Albanija. |
| 28 ta' Ġunju 1999 | Dun Ġorġ iddikjarat Venerabbli. |
| 9 ta' Mejju 2001 | Jum il-Beatifikazzjoni tal-Fundatur mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II. |
| 9 ta' Marzu 2003 | Bdiet il-Ħidma tas-Soċjetà fil-Perù. |
| 5 ta' Ġunju 2007 | Dun Ġorġ iddikjarát qaddis mill-Papa Benedittu XVI |